# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88/8

L-Erbgha 22 ta` Frar 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera
Josianne Debono – Accountant tal-Kunsill

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

088.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

088.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

088.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

088.4 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements ghas-sena 2022;

088.5 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report (Jan-Dic 2022)

088.6 Hatra tal-Bord tal-Aggudikazzjoni tal-Offerti dwar Xoghlijiet u Progetti ghal din is-sena;

088.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

088.8 Rapporti;

088.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh - progress

088.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

088.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghaxra ta` filghaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Is-Sindku sellmet il-memorja tal-ex Vici-Sindku, is-Sur John Mary Calleja li halla din id-dinja ftit tal-gimghat ilu, fejn wriet l-apprezament lejn il-hidma tieghu matul is-snin li serva bhala Sindku u Vici Sindku fil-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku talbet ghal minuta silenzju b`rispett lejn s-Sur Calleja.

Is-Sindku awgurat lis-Sur George Fenech ghal hatra tieghu ta` kunsillier gdid fil-Kunsill Lokali tal-Gudja.

## 088.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Kulhadd kien prezenti ghal din il-laqgha u ghalhekk ma kienx hemm ittri ta` apologija.

**088.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 87/8 nem con.

**088.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

088.3.1 Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha dwar l-attivita tal-Milied flimkien mall-ghaqdiet sabiex jigi diskuss x'mar tajjeb u x'hemm li wiehed jista' jirranga ghad-darba li jmiss. Il-Kunsill qabel li laqgha ssi nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2023 fis-6.30pm.

088.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza wkoll ghat-tizjin tas-slaleb matul iz-zmien tal-Gimgha Mqaddsa fejn proponiet li ghal din is-sena jizejnu aktar toroq fil-Gudja. Il-Kunsillier G Fenech propona li ghandhom jizdiedu t-toroq minn fejn tghaddi l-istatwa ta' Duluri.

088.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li persuna qeghda taqbad it-tigieg ta' fejn il-Palazz u qed jinzammu f'ghalqa. Is-Sindku ziedet tghid li huwa ferm important li ma jkunx hemm indivdwi li jitfghu tigieg barra.

088.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett ta' fejn il-Palazz ta' Bettina, fejn talbet lill-Kunsilliera biex jibghatu l-ideat taghhom sabiex minflok il-gym equipment jigu installati apparati ohra li jmorru tajjen mall-kumplament tal-progett li se isir. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex id-dawl jkun jahdem bis-solar. Is-Sindku ziedet tghid li ghal dan il-progett il-Kunsill diga kien ha fond ta' 80K minghand il-LESA u li issa ser japplika ghall-fondi tal-Green Community Grant. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li japplika ghal dan il-fondi.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Gnien Glormu Cassar jitnaddaf aktar frewkentament u biex jitbattlu l-bins ta' Gnien il-Qari.

088.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenzi li ntbghatu minn diversi resident dwar ir-road hump ta' Triq San Ciru. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jibghat lill-TM ghal linja gwida dwar it-talba li kien hemm biex ir-road hump tkun tista' titressaq minn fejn qeghda.

088.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-arblu habba ic-cctv ta' Triq il-Kbira kien sar u qed jitlestew il-karti biex tigi nstallata l-kamera.

088.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li qed isiru xi tahditiet sabiex tigi utilizzata l-bitha tal-iskola biex ikun tintuza ghall parkegg wara l-hin tal-iskola.

088.3.7 Saret referenza ghax-xoghlijiet li saru fi Triq Hal-Resqun u fi Vjal l-Avjazzjoni minn IM. Il-Kunsillier S Caruana qal li ser ikun hemm problema bl-ilma tax-xita. Is-Sur Caruana zied jghid ukoll li kienu qed isiru xi xoghlijiet fuq cint fejn hemm Gnien iz-Zghazagh, liema xoghlijiet bdew isiru fi propjeta privata. Is-Sindku qalet li xoghlijiet fil-Gnien qed isiru minn Parks Malta. Is-Sindku ziedet tghid li f'dik iz-zona fejn qed isiru xoghlijiet hemm progett mahsub li jsir li ghad qed jigi diskuss mall-perit.

088.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara laqgha li kien hemm mar-rapprezentanti ta` IM, il-Kunsill gie nfurmat li Triq De Warsbergh kienet ser terga` ssir one way kif kienet qabel ma nbdew ix-xoghlijiet.

088.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar coordination meeting li sar mall-perit ta` IM, il-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol u ma` rapprezentanti tal-Enemalta dwar ix-xoghlijiet li ser isiru fi Triq iz-Zebbuga. Is-Sindku spjegat li x-xoghol ser isir minn IM u ser isir bil-pavimentar bhal ta` Triq Santa Katerina. Is-Sindku ziedet tghid li l-parti l-wisa` ta` triq ser isir wkoll bl-asphalt. Dawn ix-xoghlijiet huma parti mill-progett li l-Kunsill applika biex isir tisbieh fil-pjazza. Is-Sindku proponiet biex isir laqgha ta` konsultazzjoni ghar-residenti biex jigi diksuss dan il-progett bil-prezenza tal-periti.

088.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett ta` Gnien Raymond Caruana u l-binja tal-Kunsill. Il-kunsillier S Caruana qal li huwa ma jaqbilx li ssir il-binja tal-Kunsill go l-gnien Raymond Caruana. Il-Kunsilliera A Amri Brincat qablet mas-Sur Caruana. Is-Sindku qalet li wasal iz-zmien li l-Kunsill ikollu binja tieghu u ghalhekk proponiet li l-Kunsill johrog espressjoni ta` nteress ghal propretajiet li hawn fil-Gudja ghal bzonnijiet tal-Kunsill.

19:12hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

088.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar l-organizzazjoni ghall-harga ta` Ghawdex li ser isir nhar it-Tlieta 28 ta` Marzu 2023.

088.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-haddiema tal-CWES fejn infurmat lil membri tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-haddiema fejn spjegat li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tkellmu maz-zewg haddiema li ma kinux qed jaghtu xoghol kif mixtieq. Is-Sindku qalet li wiehed mill-haddiema ma ikoperax ma` dak mitlub mill-Kunsill.

088.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita kulturali li trid tigi organizzata mill-Kunsill flimkien mar-Regjun bhala parti mill-attivitajiet li qed jigu organizzati fis-sena 2023. Il-Kunsill qabbel li l-attivita ssir lejn l-ahhar jew bidu ta` Mejju u jsiru attivitajiet relatati mat-tieni gwerra dinjija. Is-Sindku talbet biex ninfurmaw lir-Regjun sabiex jinbdew il-preparamenti mehtiega.

088.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-gbir tas-skart kummercjali, fejn il-Kunsill Lokali gie nfurmat mir-Regjun li dan l-iskart ser jingabar jekk ikun ta` daqs ta` household waste.

088.3.15 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema dwar il-manutenjzonijiet tal-latrini pubblici, fejn proponiet li ssir manutenzjoni tajba tal-public convenience tal-Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku ziedet tghid li mill-fondi li hemm disponibbli, ser ikun hemm madwar 60K ghal kull Kunsill fir-Regjun Nofsinhar. Wara diskussjoni gie maqbul li jkun hemm toilets ghal perusni b`dizabilita`, nappy changer, breast feeding area u li jkun hemm l-apparat jahdem b`sensors biex titnaqqas il-hela ta` ilma u dawl.

088.3.16 Prezentata korrispondenza mibughta mid-DLG dwar Talba ghall-Fondi ta` Aggustament ghas-sena 2023, fejn il-Kunsill approva li l-Kunsill jitlob dan il-fond biex jaghmel tajjeb ghat-tizjin tas-slaleb fiz-zmien il-Gimgha l-Kbira.

088.3.17 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-arblu u central strip ta` Vjal it-Torri, fejn wara diskussjoni gie deciz li xoghol tac-central strip u toqba tal-arblu ssir min naha tal-Kunsill umbghad is-Socjeta li ser taghmel l-arblu thallas ghall-ispejjez relatati mat-toqba tal-arblu.

088.3.18 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun Nofsinhar dwar opportunita ta` gemellagg mar-rahal ta` Zibido San Giacomo vicin Milan, Italja. Il-Kunsill ma weriex l-interess tieghu f`dan il-gemellagg.

088.3.19 Prezentata korrispondenza ta` ringrazzjament li ntbghatet minn hut il-Vici Sindku tal-attendenza tal-membri tal-Kunsill u l-istaff waqt il-funeral. Il-membri tal-familja talbu wkoll sabiex tisemma` triq ghal mibki huhom bhala apprezament ghas-snin li ghamel jservi ta` Sindku fir-rahal tal-Gudja. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li gnien li ser isir fejn il-Palazz ta` Bettina jisemma` ghalih – Gnien John Mary Calleja.

088.3.20 Giet prezentata korrispondenza relatata mall-kotba ta ` Omm ta` Bosta Ulied sabiex il-Kunsill ikun jista` jghin finanzjament.

088.3.21 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand resident sabiex fi Triq il-Lebbien hemm bicca art zghira biex tigi mnaddfa.

088.3.22 Giet prezentata talba li saret minghand resident sabiex Triq il-Barjola (minn naha ta` Triq Hal-Ghaxaq) ssir tabella biex jidhlu biss residenti. Din it-talba ma giex approvata.

088.3.23 Prezentata korrispondenza dwar progetti tal-ERASMUS+, fejn il-Kunsill approva li juri l-interess tieghu biex ikun wiehed mill-partecipanti.

088.3.24 Is-Sindku proponiet sabiex fil-Gnien R.Caruana jsir thawwil ta` fjuri matul iz-zminijiet ta` Rebbiegha. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**088.4 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements ghas-sena 2022;**

Is-Sindku prezentat l-Unaudited Financial Statement ghas-sena 2022. Is-Sindku stiednet lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Josianne Debono sabiex taghti spjegazzjoni ta` dan ir-rapport lill-membri tal-Kunsill.

Is-Sinjura Debono qalet li matul is-sena 2022, il-Kunsill nefaq aktar milli dahal flus, fejn ghalaq is-sena bi zbilanc ta` €33,862 wara li giet ikkunsidrata anke id-depreciation. Is-Sinjura Debono ziedet tghid li kien hemm depreciation li tammonta ghal madwar €86,000. Matul is-sena 2022, il-Kunsill rcieva somma ta` €25,000 mill-progett tal-Unjoni Ewropeja that l-iskema Europe for Citizens wara li ghamel nefaq madwar €15,000 fuq dan l-istess progett. Matul is-sena 2022, il-Kunsill tella` xi attivitajiet, fosthom l-attivita tal-Milied fejn din giet tiswa madwar €36,000. Matul is-sena 2022 gew ukoll mghoddija lill-IM l-ahhar pagamenti relatati mall-Mizura 4.3. Is-Sinjura Debono assigurat li l-cash flow tal-Kunsill huwa tajjeb u ghalhekk matul l-ewwel kwart tas-sena 2023, ser ikun hemm bidla fl-izbilanc li nghalqet bih is-sena 2022. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**088.5 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report (Jan-Dic 2022);**

Is-Sindku prezentat il-Quarterly Financial Report minn Jannar sa` Dicembru 2022. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**088.6 Hatra tal-Bord tal-Aggudikazzjoni tal-Offerti dwar Xoghlijiet u Progetti ghal din is-sena;**

Is-Sindku proponiet sabiex fil-Borg tal-Aggudikazzjonii ghall-Offerti jkun kompost mis-Sur Chris Falzon, mis-Sur Michael Debono bhala l-Accountant tal-Kunsill. Is-Sindku proponiet ukoll li l-Kunsill ikollu perit bhala parti mill-Bord ta` Aggudikazzjoni, fejn talbet sabiex din terga` tigi diskussa fil-laghqa li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil minn dak prezenti.

**088.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

088.7.1 Il-Kunsilliera A Amri Brincat talbet sabiex it-tabella li qeghda fuq central strip fi tarf ta` Triq Bir Miftuh tgholla ftit `l fuq ghax qed tkun ta` inkonvenjent ghas-sewwieqa b`vanjijiet gholjin.

088.7.2 Il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex isir tabella fi Triq Toni Zammit li tindika li triq tghalaq.

**088.8 Rapporti;**

Ref: Item 88.4 u item 88.5

**088.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet fuq il-hitan tas-sejjieh, fejn proponiet sabiex flok ix-xoghlijiet fuq il-hitan tas-sejjih ta` Dawret il-Gudja siru xoghlijiet fl-area ta` quddiem il-kapella ta` Loretu u l-belverder kollu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**088.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 46/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera A Amri Brincat u ssekondata mill-Kunsilliera M Micallef għall-ammont totali ta' €23,641.76 u ġiet approvata nem con.

**088.11** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 21 ta` Marzu 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 tà Marzu, 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv